MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 1092/1994/2

**Emanuel Vella**

**v.**

**Grezzju sive Horace Patiniott u Joseph Borg**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`**
**IMA Trading Co. Ltd. u ghan-nom u**
**in rapprezentanza ta’ B & B Investments Ltd.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTUR**

1. B’citazzjoni l-attur ippremetta illi huwa jiddetjeni parti minn porzjon art ossija raba’ biex jahdimha minghand il-proprjetarju, illum mejjet, Salvatore Bezzina, liema raba’ hija maghrufa bhala Ta’ Gemma sive Tal-Wied sive Tal-Bajjada sive Il-Gnien li tinsab fil-limiti ta’ Casal Paola u l-Fgura fil-kuntrada ta’ Wied Blandun u ta’ Ghajn Dindi, liema parti li tinhadem tikkonfina ma’ Triq il-Kampanella u qeghdha indikata bl-ittri X u X1 fuq il-pjanta annessa.

Illi r-raba’ kollu in kwistjoni kien jappartjeni lill-mejjet Salvatore Bezzina li bieghha lil IMA Trading Co. Ltd. u B & B Investments Limited fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Darmanin tal-31 ta’ Awissu 1989.

Illi dan il-bejgh sar naturalment b’kundizzjoni li l-attur jibqa’ jahdem dik il-parti tar-raba’ li hemm indikata fil-pjanta annessa.

Illi taht xahrejn ilu l-konvenuti nomine et klandestinament u vjolentement ikkommettew spoll fil-konfront ta’ l-attur billi okkupaw dik il-porzjoni raba’ li jahdem l-attur u bdew ihammlu l-art anke wara li l-Qorti tal-Kummerc ordnat il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 2584/94 kontra l-konvenuti.

Illi l-attur irid li l-konvenuti jirripristinaw kollox fl-istat originali tieghu b’hekk jirrintegraw lill-attur fil-pussess tad-drittijiet kollha tieghu u ghalhekk talab illi jigi dikjarat illi l-konvenuti kkommettew spoll u talab li jigu ordnati li jirrintegraw lill-attur fil-pusses tad-drittijiet kollha tieghu u li jirriprestinaw kollox fl-istat originali tieghu u dan bl-ispejjez.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI NOMINE**

2.1. Il-konvenuti nomine eccepew illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li persuna morali ma tista’ qatt tikkommetti spoll skond il-ligi u ghalhekk is-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu illiberati.

Illi bla pregudizzju ghal premess, il-proprjeta` in kwistjoni mhix proprjeta` ta’ IMA Trading Co. Ltd u lanqas ta’ B & B

Investments Limited u ghalhekk ghandhom jigu wkoll illiberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess il-persuni (sic!) fizici, Joseph Borg qatt ma kkommetta spoll in konfront tal-proprjeta` in kwistjoni.

2.2. B’nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu Grezzju Patiniott eccepixxa illi huwa m’ghandu ebda rapprezentanza tas-socjetajiet kummercjali.

Illi bla pregudizzju ghall-premess il-fatti kif premessi fic-citazzjoni, huma manifestament zbaljati partikolarment fil-konfront ta’ l-eccipjent personalment li gie mharrek hazin u ghalhekk il-kawza ma tistax titkompla in konfront tieghu.

Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda ghax l-eccipjent Grezzju Patiniott ma kkommetta ebda spoll kif jallega l-attur.

Illi inoltre l-attur ma jippossjedix u lanqas jiddetjeni l-art in kwistjoni kif jippretendi izda qed jokkupaha vjolentement u kontra r-rieda tas-sid ta’ l-istess art. F’dan il-kaz huwa applikabbli l-principju tad-dritt Ruman “vin vi repellere licet”.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B’sentenza tat-12 ta’ Lulju 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili akkoljiet t-talbiet attrici stante li qablet ma’ l-opinjoni ta’ l-esperti li mill-provi avvanzati gie ppruvat ampjament li Vella kien fil-pussess u bhala fatt jahdem l-art in kwistjoni. Din l-art giet imhammla u dan il-fatt minnu nnifsu jfisser li l-attur gie disturbat fil-pussess tieghu, u ghalhekk wara li cahdet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, laqghet iz-zewg talbiet ta’ l-attur kif dedotti fic-citazzjoni. L-ispejjez kellhom jithallsu mill-konvenuti. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-attur ipprezenta din il-kawza wara li l-Qorti tal-Kummerc diversament preseduta ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 2584/94 kontra l-konvenuti;

Illi l-attur jikkontendi li huwa kien jahdem il-porzjoni raba imsemmija fic-citazzjoni liema art kienet tappartjeni lil Salvatore Bezzina, illum mejjet; l-imsemmi Bezzina ittrasferixxa l-art u l-proprjetarji sussegwenti bdew ihammlu l-art mahduma mill-attur;

Illi l-konvenuti ma jidhirx li kkontestaw l-allegazzjoni li l-art mahduma mill-attur giet imhammla; il-konvenut Borg irrileva li bhala persuna morali ma setax jikkommetti spoll u li l-art ma kinitx tieghu u li ma kkommetta ebda spoll. Il-konvenut Patiniott eccepixxa li ma kellux rapprezentanza guridika u li personalment kien tharrek hazin u hu ma kkommetta ebda spoll;

Illi skond l-attur meta Bezzina kien ser ibiegh "*Bezzina u l-konvenut Joseph Borg kienu accedew fuq l-art waqt li kont qieghed nahdimha. Huma nfurmawni li kien ser isir it-trasferiment u accertawni li jien nibqa' nahdimha*"; l-attur jissottometta li dawn pero` dahqu bih u geghluh jixtri bicca art li minn fuqha kellha tghaddi triq;

Illi dwar dak li gara huwa stqarr "*daqs sena u nofs ilu, tfaccat gaffa gol-art li ili tletin sena nahdem u bdiet thammel kull ma sabet fiha. Tfarrku s-sigar u d-dwieli kollha li kien hemm go l-ghalqa.*" Meta staqsa lil tal-gaffa baghtu ghand l-imghallem Charles Vella u dan "*qalli li kien baghtu Grezzju Patiniott li huwa shab ma' Borg.*";

Illi wara dan huwa ottjena l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq indikat;

Illi dawn il-fatti juru kemm l-attur kien gustifikat li jressaq l-istorja tieghu biex ikun jista' jhares il-jeddijiet tieghu fuq l-art li huwa kien ilu jiddetjeni ghal snin twal; ma jidhirx li hemm dubju li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-azzjoni tal-gaffa li harbtet l-art li kien jahdem l-attur;

Illi l-*actio spolii* ghandu proprju l-iskop ewlieni li jevita agir arroganti ta' min jista' jikkalpesta l-posizjoni attwali peress li bl-ingenji jidhol u jharbat proprjeta` uzata minn haddiehor. Agir simili ghandu jigi kkundannat ghaliex

jista' jwassal biex il-vittma jitlef il-pacenzja u jerfa' jdejh fuq minn jispoljah;

Illi l-Qorti taqbel ma' l-opinjoni ta' l-esperti li "*mill-provi avvanzati gie ppruvat ampjament li Vella kien fil-pussess u bhala fatt jahdem l-art in kwistjoni. Din l-art giet imhammla u dan il-fatt minnu nnifsu ifisser li l-attur gie disturbat fil-pussess tieghu.*"

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETAJIET KONVENUTI</u>**

4.1. Il-konvenuti IMA Trading Co. Ltd. u B & B Investments Limited hassewhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell quddiem din il-Qorti bazikament fuq l-aggravji segwent:-

4.2. L-appellanti nomine jissottomettu li l-kawza odjerna giet intavolata fost ohrajn kontra IMA Trading Co. Ltd. u B & B Investment Limited u bhala persuni morali huma ma jistghu qatt jikkommettu spoll in konfront ta' xi persuna ohra stante li dan l-ispoll irid jigi kommess minn persuna fizika u qatt minn enti morali.

Bla pregudizzju ghall-premess, il-kawza odjerna hija limitata fuq zewg plots ossija dik il-parti mmarkata bl-ittri X u X1 u ghalhekk wiehed irid jikkunsidra jekk sarx spoll jew le fuq dawn iz-zewg plots u mhux fuq il-wiehed u tletin plot li gew mill-artijiet Ta' Gemma li l-konvenuti ttrasferew u bieghu lil Grezzju Patinoitt Limited.

Ghalhekk is-socjeta` Grezzju Patiniott Limited fuq id-disgha u ghoxrin plot l-ohra li ma kenux kolpiti bil-mandat ta' inibizzjoni numru 2584/94 u bl-azzjoni ta' l-ispoll odjerna skond il-pjanta X u X1 annessa mac-citazzjoni setghet taghmel kull xoghol li kienet thoss gust u xieraq biex tezercita d-drittijiet taghha.

Il-konvenut appellanti Joseph Borg qatt ma kien bi shab ma' Grezzju Patiniott Limited u lanqas ma' Grezzju Patiniott personalment u/jew ma' xi persuna ohra.

Huwa ma kellu ebda interess f'din l-art galadarba meta din giet mibjugha accetta li jinghata bhala kumpens qatgha

ohra mill-istess art u illibera dawn iz-zewg plots in kwistjoni.

Ma ngabet ebda prova illi l-appellanti u/jew Joseph Borg personalment marru fuq l-art in kwistjoni imma Vella l-attur xehed li certu Charles Vella qallu li kien baghtu Grezzju Patiniott li huwa shab ma’ Borg.

Din il-prova bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti mhix prova sostenibbli fil-ligi stante li dan huwa l-kaz klassiku tad-‘detto del detto’ li ghandu jigi skartat minn din il-Qorti.

Effettivament il-Qorti strahet fuq ix-xiehda ta’ l-attur moghtija ‘detto del detto’ meta dan mhuwiex permess mil-ligi u lanqas sostnut bil-fatti stante li Joseph Borg qatt ma kien shab ma’ Grezzju Patiniott imma kien il-venditur ta’ l-art in kwistjoni.

Joseph Borg qatt ma mar fuq l-art in kwistjoni ma’ Grezzju Patiniott meta huwa akkwista l-art in kwistjoni u jista’ jigi accertat illi fuq dawn iz-zewg plots in kwistjoni X u X1 Joseph Borg qatt ma acceda.

Fic-cirkostanzi kollha ma jistax jinghad illi l-konvenuti IMA Trading Co. Ltd. u B & B Investments Limited ikkommettew spoll in konfront ta’ l-attur stante illi l-konvenuti ma kellhomx aktar interess fl-art in kwistjoni ghax kienu diga bieghuha lil Grezzju Patiniott Limited.

Inoltre l-konvenuti appellanti qatt ma cedew fuq il-plots X u X1 in kwistjoni.

Huma qatt ma ghamlu xogholijiet ta’ thammil fil-fond in kwistjoni u/jew ordnaw lil xi hadd biex jaghmel xi xogholijiet ta’ thammil.

Charles Vella ma seta’ qatt qal lill-attur li l-konvenuti kienu bi shab ma’ Grezzju Patiniott stante li l-unika relazzjoni guridika li huma kellhom bejniethom kienet ta’ venditur u ta’ kompratur.

Ghaldaqstant is-socjetajiet konvenuti appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet premessi b'dan illi IMA Trading Co. Ltd. u B & B Investments Limited jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma qatt ma kkommettew spoll in konfront ta' l-attur. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' EMANUEL VELLA**

5. L-attur appellat wiegeb hekk:

5.1. Illi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Lulju 2002 hija gusta u timmerita konferma fl-aspetti kollha taghha, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(1) Illi l-mertu tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi huwa l-ezercizzju ta' azzjoni possessorja maghrufa bhala *Actio Spolii*, jew ahjar dik l-azzjoni li permezz taghha persuna tkun tista' titpogga fil-pussess ta' haga, wara li din tkun bi vjolenza mnehhija mill-pussess. L-Artikolu 535(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid:

535. *(1) Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

(2) Illi huwa ben saput fil-gurisprudenza lokali "*illi f'kawza ta' spoll tinkwadra f'indagni dwar (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll*[1]". Dan ifisser illi min jaghmel l-azzjoni possessorja ta' din ix-xorta ghandu merament jipprova pussess jew detenzjoni ta' l-oggett fiz-zmien li minnu kien imnezza u l-istess fatt ta' spoll. Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti qablet ma' l-opinjoni ta' esperti li nnominat hija stess illi "*mill-provi avvanzati gie ppruvat ampjament li Vella (l-attur) kien fil-pussess u bhala fatt jahdem l-art in kwistjoni. Din l-art giet imhammla u dan il-fatt minnu nnifsu ifisser li l-attur gie disturbat fil-pussess*

[1] *Vide* Mariano Farrugia et v. Peter Paul Cutajar et *App. 23/10/1998*

*tieghu.*" L-Artikolu indikat ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn min jista' jikkommetti att ta' spoll imma biss jindika x'tip ta' azzjoni wiehed jista' jiehu meta jkun spoljat mill-pussess u/jew detenzjoni ta' l-oggett.

(3) Illi l-appellant, gab bhala l-ewwel aggravju tieghu l-fatt li persuni morali ma jistghu qatt jikkommettu spoll fil-konfront ta' xi persuna ohra stante li dan l-ispoll irid ikun kommess minn persuna fizika u qatt minn enti morali. Mhux ta' l-istess fehma kienet il-Qorti ta' l-Appell (sede Superjuri) diversament preseduta[2]. F'din is-sentenza il-Qorti rriteniet illi "*Socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika u jekk persuni illi skond l-istatut ta' socjeta` kummercjali ghandhom il-fakolta` illi jagixxu f'isem is-socjeta` u jaghmlu atti f'isem l-istess socjeta` u fl-interess ta' l-istess socjeta`, u dawn l-atti jikkostitwixxu spoll, hija s-socjeta` illi tkun responsabbli ghall-ispoll, u l-istess socjeta` hi azzjonabbli tramite d-diretturi taghha."*

(4) Illi skond l-Artikolu 791(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti li quddiemha tkun prezentata azzjoni ta' spoll, ghandha biss tezamina <u>l-fatt tal-pussess</u>, jew <u>tad-detenzjoni</u> u <u>l-fatt ta' l-ispoll</u> u xejn aktar, u taht artikolu iehor li l-azzjoni tkun saret fi zmien xahrejn ta' dekadenza[3]. Fil-fatt fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti segwiet il-ligi *a la lettera* u bbazat id-decizjoni taghha fuq ir-rapport ta' periti nominati minnha, li min-naha taghhom ezaminaw biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll u minghajr ebda dubju waslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt dawn l-elementi kollha kienu jissussistu;

(5) Illi di piu`, l-azzjoni mertu ta' dan l-appell hija azzjoni ta' Ordni Pubbliku. Fil-Qorti Civili Prim Awla[4] gie ritenut li "*L-artikolu 535 tal-Kodici Civili huwa indubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.*" Ghalhekk, meta l-legislatur

---

[2] *Vide* Albert Mizzi noe v. Rev. Professur George Schembri *App. 4 ta' Frar 1992*
[3] [i] possidesse; [ii] spoliatum fuisse u [iii] infra bimestre deduxisse
[4] vide John Mary Pace v. Emanuele Pace P.A. 4 ta' April 1990.

haseb biex idahhal fil-ligi taghna tali azzjoni, kellu f'mohhu li jaghti rimedju legali li dawk li jkunu mnezza mill-pussess jew detenzjoni ta' xi oggett, sabiex ma jkollhomx jiehdu l-ligi f'idejhom. Ghaldaqstant zgur li kinetx l-intenzjoni tal-legislatur li jhalli barra socjetajiet kummercjali minn taht il-kappa ta' dan l-artikolu ghax kieku tinholoq anomalija li tmur kontra l-istess spirtu ta' dan l-Artikolu;

(6) Illi rigward it-tieni aggravju mressaq mill-appellant noe, dwar jekk effettivament sarx spoll fil-parti ta' l-art li jahdem, l-appellat jissottometti illi mill-provi kif dedotti gie ampjament ippruvat illi sar spoll f'dik l-art illi hu kien qed jipposjedi jew jiddetjeni, kif *del resto* ikkonstataw ukoll l-esperti nominati mill-ewwel Qorti. Mill-aggravju jidher car li l-appellant noe ghandu f'mohhu li jressaq xi provi godda rigwardanti fejn sehh l-ispoll. Dan seta' facilment jaghmlu quddiem l-ewwel Qorti li min-naha (sic) kienet tal-fehma li l-ispoll sar. Ghalhekk tali aggravju m'ghandux ikun ikkunsidrat u din il-Qorti ghandha toqghod biss fuq dawk il-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant kieku ried jipprova li l-ispoll ma sarx f'dik il-parti ta' l-art li kien jahdem l-appellat jew le, seta' jaghmel dan quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza.

(7) Illi rigward l-aggravju mressaq mill-appellanti li huma qatt ma accedew fuq il-post *de quo*, l-appellat jaghmel referenza ghall-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, u wkoll ghas-sentenza ta' l-istess Qorti li rrimarkat illi "...*skond l-attur meta Bezzina kien ser ibiegh 'Bezzina u l-konvenut Joseph Borg kienu accedew fuq l-art waqt li kont qieghed nahdimha. Huma nfurmawni li kien ser isir it-trasferiment u accertawni li jien nibqa' nahdimha;' l-attur jissottometti li dawn pero` dahqu bih u geghluh jixtri bicca art li minn fuqha kellha tghaddi triq."* Illi ghalhekk huwa ppruvat oltre mid-detto del detto kif qed jallegaw l-appellanti illi huma fil-fatt kienu marru fuq il-post.

(8) Illi mill-premess jidher bic-car illi l-istess appell m'huwiex hlief tentattiv iddisprat da parti ta' l-appellanti illi jtawwal inutilment u vessatorjament il-proceduri odjerni. Fil-fatt f'dan il-kuntest, umilment issir referenza ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12, li

jaghtu s-setgha lil dina l-Qorti f'kazijiet simili, li tikkundanna lill-appellant li jintavola appell frivolu u vessatorju, ihallas lill-appellat, spejjez ghal darbtejn b'dan illi dan it-tip ta' abbuz jigi skuraggit u penalizzat, b'dan illi l-appellat umilment jissottometti illi ghandhom japplikaw d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan it-tip ta' abbuz jigi penalizzat.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, l-appellat umilment jissottometti illi l-appell ghandu jigi michud, u s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Dan l-appell jirreferi ghal kawza ta' spoll maghmula mill-attur kontra l-konvenuti proprio et nomine rigwardanti porzjoni raba' maghrufa b'diversi ismijiet kif hemm indikat fl-att tac-citazzjoni, liema raba' jinsab fil-limiti ta' Rahal il-Gdid u tal-Fgura. Parti minn dan ir-raba', gia` appartenenti lil Salvatore Bezzina, llum mejjet, kien jinhadem mill-attur pero` jirrizulta li wara li gie akkwistat, stante trasferiment, mis-socjetajiet konvenuti, sar thammil fih bi skop ta' zvilupp urban u kien minhabba l-intervent ta' l-attur li dan ix-xoghol ta' thammil twaqqaf bl-otteniment ta' mandat ta' inibizzjoni.

7. L-ewwel Qorti, wara li abbraccjat ir-rizultanzi milhuqa mill-periti gudizzjarji, laqghet it-talbiet attrici. Sar appell miz-zewg socjetajiet konvenuti, jigifieri IMA Trading Co. Ltd u B & B Investments Ltd kif jirrizulta mir-rikors ta' appell riportat <u>supra</u>.

8. L-appell tal-konvenuti jista' jingabar in succint fis-segwenti aggravji, jigifieri li:

(i) bhala persuni morali s-socjetajiet appellanti ma jistghu qatt jikkommettu spoll "stante li dan l-ispoll irid jigi kommess minn persuna fizika u qatt minn enti morali".

(ii) billi l-ispoll gie limitat fir-rigward ta' zewg plots biss – dawk immarkati Dok X u XI – irid jigi qabel xejn stabbilit jekk ix-xoghol <u>*de*</u> <u>*quo*</u> sarx fuqhom jew fuq parti

ohra mit-territorju "komprendenti l-bqija tal-plots". Kull xoghol fil-plots l-ohra seta' ghalhekk sar impunement, isostnu l-appellanti.

(iii) Qatt ma kien hemm shubija bejn il-konvenuti appellanti u Grezzju Patiniott proprio jew nomine. Ebda prova ma ngabet li kien hemm xi intervent dirett jew saru xi xogholijiet mill-appellanti jew minn Joseph Borg proprio. L-ewwel Qorti strahet fuq provi inattendibbli bazati fuq "hearsay" b'dan li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi prodotti, jsostnu l-appellanti.

9. Din il-Qorti, wara li gharblet mill-gdid il-provi akkwiziti u ezaminathom fid-dawl ta' dak li gie sottomess lilha miz-zewg partijiet fil-kawza ma jidhrilhiex li l-aggravji tas-socjetajiet konvenuti huma fondati.

Jibda billi jinghad li bhala socjetajiet kummercjali, z-zewg socjetajiet konvenuti citati fil-kawza ghandhom personalita` guridika vera u propria u, kwindi, huma m'humiex semplicement xi enti morali bla sahha ta' xejn, kif donnhom riedu jaghtu x'jifhmu l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom. Fi kliem iehor, jekk issir jew tittiehed xi azzjoni ghan-nom taghhom, minn xi persuna fizika, tali azzjoni tista' legalment tkun attribwibbli lilhom ukoll kwantu ghal dik li tikkoncerna responsabbilta`. Hija haga ovvja li kull socjeta` kummercjali tagixxi tramite persuni fizici imma fl-istess hin ma huwiex lecitu li f'kazi ta' inizzjattivi li jsiru f'isimha, jigi eccepit li hija m'ghandha ebda _*locus*_ _*standi*_ minn punto di vista legali.

10. Fil-kaz in ezami, hemm provi sufficjenti, kif del resto tajjeb gie kostatat mill-ewwel Qorti, li juru bic-car li l-attur gie mmolestat da parte tal-kontro-parti konvenuta meta dawn dahlu fir-raba' li kien kjarament fil-pussess tieghu u li dawn hammlu l-istess raba'. Issa jekk il-konvenuti appellanti kellhom provi li b'xi mod bihom setghu juru li r-raba' detenut mill-attur ma kienx ukoll dak li gie mimsus bit-thammil, tali prova kienet tinkombi fuqhom, u galadarba dina ma tirrizultax allura tibqa' biss allegazzjoni gratuwita min-naha ta' l-appellanti. Lanqas ma jregi l-aggravju l-iehor li l-ewwel Qorti strahet fuq dak li intqal per

via ta' "detto del detto". Hemm invece bizzejjed provi li kien hemm rapporti diretti bejn l-attur u s-socjetajiet konvenuti li juru bic-car li l-attur kien wera lir-rapprezentanti taghhom li r-raba' _de quo_ kien ilu jinhadem minnu ghal ghexieren ta' snin u li, fi sforz biex tintlahaq soluzzjoni ghal dejjem, l-attur gie indott jakkwista territorju addizzjonali biex jibqa' jgawdi mill-frott ta' hidmietu. Hemm ukoll provi sufficjenti li juru li t-thammil sar bl-intromissjoni tas-socjetajiet konvenuti u li dawn ghalhekk ma jistghux issa jippretendu li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dak li sehh. Ghalhekk l-appell tal-konvenuti huwa ghal kollox infondat u fil-fatt l-istess appell ma kien jikkontjeni ebda aspett gdid li ma giex mgharbel sew u deciz korrettement mill-ewwel Qorti.

11. Kwantu ghar-rikjam min-naha tal-parti appellata biex din il-Qorti takkolla lill-parti appellanti bid-"doppio spese" minhabba vessazzjoni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li f'dan il-kaz jirrikorru dawk l-elementi biex tigi inflitta addizzjonalment sanzjoni bhal din. Huwa minnu li kawza ta' spoll ma kien messha qatt – taht kwalsiasi cirkostanza – hadet daqstant tul ta' snin biex tigi rizolta izda parti sew minn dan id-dewmien hu attribwibbli lill-periti gudizzjarji li hadu z-zmien taghhom jestendu r-relazzjoni li bhala fatt ma kenitx aktar minn ftit pagni bhala tul, u li bhala kostatazzjonijiet u konkluzjoni kienet tikkomprendi biss appena faccata u nofs (fol. 141-142 tal-process). Bizzejjed jinghad li wara numru ta' snin biex jingabru l-provi, fl-1 ta' Lulju 1997 (fol. 49) gie ddikjarat li dawn ingabru u in segwitu l-kawza thalliet ghall-prezentata tar-rapport u dan ha xejn anqas minn tlett snin biex isir. Mill-atti fil-fatt jirrizulta li r-rapport peritali gie pprezentat fit-3 ta' Lulju 2000 (fol. 63). Ghalhekk certament ma huwiex il-kaz li l-htija kollha ghal dan id-dewmien tinxtehet fuq il-parti sokkombenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma _in toto_ is-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjetajiet konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------